MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1778/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Dennis Grima abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Dennis Grima (252357(M))**

**vs**

**Noel Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Settembru, 2004 fejn intalab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u seba' liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm307.58) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Dennis Grima assigurat tas-socjeta' attrici Fogg**

**Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' mitejn u tnejn u tmenin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm282.58), is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00) l-istess Dennis Grima in linea ta' *excess payment*, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fit-13 ta' Marzu 2002 gewwa Mriehel By-Pass, , bejn il-vettura proprjeta' ta' l-attur Dennis Grima, bin-numru ta' registrazzjoni DAS 364 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni DBE 696, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Dicembru, 2002, ta' l-ittra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikuratrici GasanMamo Insurance Ltd, u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tat-23 ta' Dicembru, 2002 kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-atturi fit-3 ta' Frar, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident de quo u jikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tnejn u tmenin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm282.58), u lill-attur Dennis Grima l-ammont ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00), ilkoll bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-23 ta' Dicembru, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Dicembru, 2002, ta' l-ittra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikuratrici GasanMamo Insurance Ltd, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------